Minuti tat-43 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 6 ta' Jannar, 2016. Il-laqgha nbdiet hin 2.00pm.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Kunsillier | Emanuel Muscat<br>Shirley Ann Cecchini |
| **Ufficjali:**<br>Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli-Depasquale |

Il-Vici Sindku infurmat lill-Kunsill li ma tistax tattendi minhabba li kienet marida u kienet ghalhekk qed tigi skuzata.

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tal-42 laqgha**

1.1 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

**2.0 Progett ta' fejn il-Ground**

2.1 Gie spjegat li ghadd baqa' bicca art fejn il-ground tal-football fejn is-Sindku qieghed jipproponi sabiex din l-*area* tigi utilizzata biex issir *swimming pool* li tkun tista' tintuza matul is-Sajf kif ukoll matul ix-xitwa fejn tkun disponibbli ghall-komunita'. Il-Kunsill f'dan l-istadju ghandu ihejji il-pjanti u idahhalhom il-MEPA filwaqt li jaghmel stima ta' l-ispejjez involuti. Shirley-Anne Cecchini qalet li anke l-iskola tkun tista' taghmel uzu minnu. Is-Sindku qal li anke l-Club tal-Football u ghaqdiet sportivi. Emanuel Muscat staqsa x'inhu d-daqs ta' l-area fejn gie spjegat li hemm bejn wiehed u iehor madwar 40 metru. Il-Kunsill qabel mall-proposta' ta' dan il-progett.

**3.0 Performance Bonus ta' l-Impjegati**

3.1 Il-Kunsill approva l-hlas ta' Performance Bonus lis-Segretarju Ezekuttiv ta' 10% kif ukoll ta' 6% lill-Ufficjal Ezekuttiv ghall-perijodu minn Jannar 2015 sa Dicembru 2015.

**4.0 Update Child Care Centre**

4.1 Gie spjegat li wara li gew diskussi fil-laqgha precedenti l-operatur tac-Centru kienet abbandunat ic-Centru. Kif kien previst wara l-vaganzi tal-Milied dan ic-Centru rega' infetah u hemm b'kollox 12-il tifel/tifla u l-istaff huwa wiehed kwalifikat u filfatt kien qieghed jahdem f'dan il-post precedentament. Sabiex issir pubblicita' tajba u ghalhekk jigu aktar nies, l-Kunsill qabel li joffri beneficcji u pakketti vantaggjuzi lill-

genituri. Fejn hemm tfal li qeghdin juzaw ic-Centru u jibbenefikaw mill-*free child care*, l-flus li ser idahhal il-Kunsill ser ikunu qeghdin ikoppru lis-servizz offrut mill-carers kif ukoll spejjez ohra relatati. Emanuel Muscat staqsa jekk kienx gie avvicinat l-operatur li kien tefa' l-offerta' precedentament u jekk hux kollox skond ir-regolamenti. Gie spjegat li l-operatur kien gie avvicinat u ma kienx interessat. Emanuel Muscat staqsa jekk l-operatur li kien qed jopera kelliex xi obbligazzjonijiet legali fejn is-Sindku spjega li l-unika haga li kien hemm kienet li riedet taghti avviz li ser tohrog tletin gurnata qabel fejn fil-fatt dan ma sarx pero' la darba riedet tohrog ma kienx hemm raguni ghalfejn din tobbliga toqghod iktar. Sadanittant gie ghamel aggornament l-Ing. tal-Health and Safety Report u qed isiru xi *upgrades*. Il-Kunsill gie infurmat ukoll li inxtraw xi affarijiet biex ic-Centru jibda' jopera. Ic-Centru gie ukoll inxurjat, li filfatt din kienet xi haga li kellha tipprovdi l-operatur ta' qabel pero' qatt ma pprezentatu.

Il-Kunsill qabel li ghandu jibqa' jopera ic-centru sakemm dan jibqa' vijabbli.

**5.0 Laqgha Annwali tal-lokalita'**

5.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha Annwali tal-lokalita' ghandha ssir l-Erbgha 3 ta' Frar fil-5pm.

**6.0 Skeda ta' Pagamenti**

6.1 Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda tal-Pagamenti.

**7.0 Korrispondenza u Materji ohra**

7.1 Minghand l-Iskola Primarja ta' l-Gharb fejn il-Kunsill gie mitlub sabiex jaghti l-koperazzjoni tieghu permezz ta' hlas ta' membership ta' €15. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.2 Minghand il-PBS fir-rigward ta' kontijiet pendenti u metodu gdid ta' kreditu mall-PBS.

7.3 Progett – *Network of twinned towns*. Kif diga gie intqal fil-laqgha precedenti dan il-gemellagg gie approvata mill-Unjoni Ewropeja. Ser issir laqgha preliminari bejn il-5 u 7 ta' Frar fejn ser jigi diskussi l-programmi ta' l-iskambi f'kull lokalita'. Gie diskuss il-programm kif ser ikun ta' Frar fejn gie spjegat li l-Gimgha 5 ta' Frar ser ikun hawn introduzzjoni tal-progett possibilment bil-prezenza tal-Onorevoli Dr. Justyne Caruana. Dan ser isir gewwa l-kazin ta' l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni u ser ikun segwit b'ikla gewwa l-istess kazin. L-ghada s-Sibt 6 ta' Frar ser issir laqgha fejn ser issir diskussjoni dwar il-programmi kollha ma' kull partner u iktar tard filghaxija ser isir tour madwar Ghawdex u zjarat ta' Karnivali organizzati fl-irhula. Gie ssugerit sabiex l-ikla tas-Sibt filghaxija tigi organizzata gewwa l-Gharb Rangers F.C. sabiex jinqasam ix-xoghol. Il-Hadd ser isir ikla ta' l-ahhar f'nofsinhar. Gie spjegat li dan huwa programm preliminari u jista' jkun hemm xi bdil fih. Saret diskussjoni dwar il-fatt li dawn maghhom iridu gwida sabiex ikunu jistghu jduru madwar ir-rahal fejn minhabba li huwa zmien tal-karnival mhux facli ssib lil min trid. Kien suggertit Charles Zammit u Joseph Micallef. Il-Kunsill qabel li ghandu

javvicinahom u jara jekk hemmx xi hadd minnhom lest li jaghmel dan. Saret diskussjoni ukoll dwar il-postijiet ta' akkomodazzjoni fejn il-Kunsill ghandu jarah x'hemm disponibbli possibilment gewwa l-lokalita' stess u jsib postijiet ta' akkomodazzjoni.

Wara din il-laqgha ta' Frar ser isir skambju iehor f'Gunju li ser tkun il-Portugal gewwa Fatima. Il-Kunsill qabel li ghandu imexxi il-programm u johrog sejha ghal dawk interessati li jakkumpanjaw il-Kunsill f'din il-mawra.

7.5 Il-Kunsilliera gew infurmati ukoll li l-gabra ta' l-istrina li saret waqt l-attivita' ta' l-isnooker kienet tammonta ghal €350.

7.6 Is-Sindku spjega li gie avvicinat mis-Sur Lorry Saliba li huwa leader ta' l-Iscouts fejn infurmah li ser tigi organizzata fl-24 ta' Jannar minn Ta' Pinu ghal Triq ta' Sdieri, ghal Pjazza u jibqghu hergin il-barra. Gie issugerit li jinghataw *refreshments* lill-partecipanti x'hin jaslu fil-Pjazza. Din l-attivita' ser tkun organizzata b'risq il-Malta Community Chest Fund u ghaliha x'aktarx tkun prezenti l-President ta' Malta. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkontribwixxi ghal din l-attivita'.

7.7 Il-Kunsill gie infurmat li l-Kunsill kien spicca bhala runner up f'Eden Award u l-Kunsill gie moghti trophy.

7.9 Is-Sindku spjega li l-MEPA qeghda titlob li jsir refurbishment tal-Playing Field ta' Triq Birbuba. X'aktarx li l-bricks iridu jitnehhew u r-railings iridu jinbidlu. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-Perit sabiex jara x'hemm bzonn li jsir u johrog stima.

7.10 Emanuel Muscat staqsa dwar il-possibilita' li jsiru l-isleeping police man fi Triq Birbuba. Il-Kunsill qabel li ghandha tintalab stima tax-xogholijiet sabiex isiru l-isleeping policeman.

7.11 Is-Sindku informa lill-Kunsill li iktar kmieni fil-gurnata ircieva l-ahbar li miet wiehed mill-kuntratturi tal-ground tal-Kunsill fejn il-funeral tieghu ser isir nhar is-Sibt fil-Knisja Parrokkjali ta' Birkirkara. Inzammet minuta ta' silenzju b' rispett.

## 8.0 Aggornament

8.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar 3 ta' February, 2016 fl-4pm.

12.1 Il-laqgha spiccat hin 3.05pm.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv